# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

**Laqgħa numru 12**
**5.00p.m 22 ta' Jannar 2025**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku. |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**
Ma kienx hemm
**Assenti**

Ħadt

**Uffiċċjal Preżenti**

Mariella Strout - Deputat Segretarju Eżekuttiv

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Deputat Segretarju Eżekuttiv: Mariella Strout

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa ta' fil-għaxija.**

**12.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

**12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Sindku ressaq il-Minuti ta' numru disa, għaxra u ħdax (9)(10)(11) il-laqgħa tal-Kunsill għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Domenic Spencer qallu li kienu ser jastjenu mil minuti ta' laqgħa numru ħdax għax ma kienux preżenti. Għaldaqstant il-minuti ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

**12.2.1** Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku u s-sekondat mil-Kunsillier Gloria Aquilina, il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

**12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**12.3.1 L-aċċess għal Triq it-Tiġrija – Transport Malta**

**Is-Sindku nforma li l-Kunsll irċeva korrispondenza min** TM fejn qed jinfurmaw li kellhom talba mingħand is-Sidien taż-żwiemel li għandhom l-istalel fi Triq it-Tiġrija. Il-Kunsill qed jintalab jiddiskuti il-proposti annessi u jivverifika jekk ir-road humps proposti ikunux ta' xkiel għaż-żwiemel. Il-Viċi Sindku intervjena fejn spjega li fil-leġislatura ta' qabel kienet saret diskussjoni ma Transport Malta fejn min naħa tagħhom kienu qablu li din it-triq ser tkun għaż-żwiemel biss minħabba il-periklu li hemm. Huwa tenna li jinsab diżapuntatt li din deċiżjoni qatt ma ġiet attwata. Il-Kunsill kien ħa l-inkarigu li jwaħħal tabelli fejn jindika żwiemel jingħataw preċedenza fuq il-vetturi.

Il-Kunsill qabel li ser jibqa itenni deċiżjoni li kien ħa fil-leġislatura ta' qabel dik li Triq it-tiġrija tkun għaż-żwiemel u residenti biss.

**12.3.2 Allokazzjoni Finanzjarja għall-2025**

Id-Divizjoni għall-Gvern Lokali nfurmawna li l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2025 ser tkun €595,851.

Il-Kunsill ħa nota ta' din il-kommuikazzjoni.

**12.3.3 Ħlasijiet Karnival tal-Marsa**

Il-Kumpanija Leon Promotions preżentat kwotazzjoni għall-attivitajiet tal-Karnival fil-Marsa.

Il-Kunsillier Domenic Spencer spjega li din il-kumpanija li ġiet ngaġġata sabiex tagħti servizz fl-attivitajiet tal-karnival il-kwotazzjoni hija skont kif kien kwotat fl-iskema.

**12.3.4 Pothole damage**

Is-Sur Mallia nforma lill-kunsill li kellu inċident fi Triq Troubridge direzzjoni lejn Triq ix-Xwieni fejn ikkawża ħsara fil-karozza tiegħu. Għalhekk qed jitlob il-ħlas biex ikopri l-ħsarat li ġarrab li jammonta għal €130.

Is-sindku nforma li Sur Mallia kien issottometta id-dokumenti kif kien deċiż waqt laqgħa numru 9. Il-kunsill innota li ma ġiex sottomess ritratt li juri l-inċident kif sar dak il-ħin.

Għaldaqstant ġie konkluż li din it-talba ser tiġi aċċettata f'isfond ta' spjegazzjoni li għamel Sur Mallia, iżda rikjesti oħra iridu ikunu akkumpanjati min ritratti li tieħdu fuq il-post ta' l-inċident.



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**12.3.5 Permess fuq il-bankina**

Is-Sindku nforma li qed issir rikjest min food store huwa ħanut ġdid li jinsab faċċata tal-Knisja tat-Trinita' fejn qed jitlob li jpoġġi mejda u żewġ siġġijiet barra fuq il-parti l-wiesgħa tal-bankina.

Il-Kunsill tenna li sid irrid j'applika ma l-Awtorita ta' Turizmu u wara il-Kunsill jagħti rekomandazzjoni tiegħu lil Awtorita.

**12.3.6 Hajt Perikoluż**

Sindku qalli resident informa lill-Kunsill li hemm ħajt fi Sqaq Sannat li jinsab perikoluż. Ritratti tal-ħajt jinsabu annessa mal-korrispondenza.

Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu notifikati il-pulizija sabiex jiġi stabbilit ta' jekk hux provat jew pubbliku u ssir xi forma ta' protezzjoni.

**12.3.7 Food Truck**

**Is-Sindku informa** persuna qed titlob permess sabiex tibda tarma food kiosk fejn indikat żewġ postijiet bħala possibilta'. Hija taċċetta li tħallas il-bye law tal-Kunsill jekk tingħata dan il-permess. Iż-żewġ locations li talbet huma Triq il-Biċċerija u Jetties Wharf.

Il-Kunsill qabel li hemm bżonn tingħata iktar informazzjoni dwar it-tip ta' negozju li kien ser issir u il-ħinijiet li kien ser ikun miftuħ għal pubbliku

**12.3.8 Kwotazzjoni Parata Scouts f' Jum il-Marsa**

Kwotazzjoni għal servizz fit-2 ta' Frar 2025 – Marc minn G.F. Abela Sqr sall-Knisja tat-Trinita' u mill-Knisja sall-Kunsill. Il-prezz huwa ta' €700.

Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

**12.3.9 Rikjest għal ħlas ta' riklam min Marsa Pageant Group**

Il-Marsa Pageant Group bħal kull sena ser joħroġ ktieb b'informazzjoni fuq il-Pageant, għalhekk qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat jagħmel reklam fuq il-ktieb back page size B5. Apparti hekk il-Logo tal-Kunsill tkun tidher fuq il-promos u poster uffiċċjali kif ukoll fuq il-paġni soċjali u l-Billboard. Dan ir-reklam jiswa €500.

Kien hemm nuqqas ta' qbil fuq dan il-pagament għalhekk is-sejħet mozzjoni sabiex jittieħed vot

**12.3.10 Bdil ta' bozza fi Triq it-Tiġrija**

Is-Sindku staqsa lil kunsill jekk jaqblux li l-bozza safra li qeda fuq arblu f'Triq it-Tigrija tinbidel għal dawl abjad.

Il-Kunsill qabel li dan jinbidel għal kulur abjad.

**12.3.11 Korsijiet Lifelong Learning 2024/2025 – data ta' għeluq 31 ta' Jannar 2025**

Is-Sindku spjega li rċieva rikjest rigward li skema korsijiet Lifelong Learning 2024/25. Sabiex isiru l-korsijiet tal-Life long learning il-Kunsill irid jipprovdi post adegwat, u attrezzat b' lista ta' affarijiet kif ukoll persuna responsabbli li tkun preżenti waqt il-lezzjonijiet sabiex tieħu ħsieb li kollox ikun kif suppost.

Il-kunsilliera preżenti tennew li kien hemm żmien qasir sabiex il-kunsill jagħmel l-arranġamenti meħtieġa, iżda il-kunsill ser jikkonsidra il-possibbilment li joffri dawn il-korsijiet is-sena dieħla.

**12.3.12 Transport Malta – Road Trenching permits**

Il-Kunsill irċieva TM Permit sabiex nagħtu feedback dwaru. Il-Permess huwa f'isem GHRC u hemm diversi toroq indikati kif jidher fil-pjanta. Works definitions jinsabu annessi ma l-email.

Il-Kunsill qabel li xogħolijiet jitkomplew kif pjanat.



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**12.3.13 Permanent Sustainable Mobility measures 2024**

Is-Sindku nforma li l-aplikazzjoni relata ma Sustainable Mobility Measures sabiex issir studju ta' traffic management madwar il- Marsa, il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba ma ġietx aċċettata.

**12.3.14 Tender Street Lighting Maintenance**

Is-Sindku nforma li Kunsill Reġjonali għadu kif approva li jinħareġ Tender Street Lighting Maintenance, għalhekk qed jitlob illi dan suġġett jiġi diskuss waqt il-laqgħa tal-Kunsill ħalli jiġi stabbilit jekk il-Kunsill Lokali iridx juża l-istess servizz min dan it-tender.

Il-kunsill id-iddiskuta il-vijabilità li kunsill ikun pparteċipa f'dan it-tender, il-kunsill qabel li jagħmel użu mis-servizz ta' dan it-tender.

**12.3.15 Kwotazzjoni - kiri ta' Van**

Il-Sindku nforma li Kunsill ħareġ sejħa sabiex jinkera van għal użu tal-manutenzjoni madwar il-lokalita**.**

Il-Kunsill qabel li t'ingħażel l-irħas offerta li tissodisfa il-kriterji mitluba mil-kunsill.

**12.3.16 Kiri ta'Generator**

Il-Sindku nforma li Kunsill ħareġ sejħa sabiex jinxtara ġenerator għal użu tal-manutenzjoni madwar il-lokalita**.**

Il-Kunsill qabel li t'ingħażel l-irħas offerta li tissodisfa il-kriterji mitluba mil-kunsill.

**12.3.17 Rikjest għal Studju relatat mal=proġett ta' Marsa Tram Power Station.**

Il-Viċi Sindku qal irċeva rikjest mingħand Perit li qed tagħmel Masters fuq il-bini storiku ma Univerista ta' Cambridge sabiex tifokka l-istudju tagħha fuq Marsa Tram Power Station. Il-perit taħdem ma *Restoration and Preservation Department* għalhekk għandha konoxxenza tal - proġett.

Il-Kunsill qabel u ma jsibx oġġezzjoni

## 12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**12.4.1** Il-Kunsillier Domenic Spencer qal li xi residenti għamlu ilment li qed ikun hemm ħoss kontinwu gej min fuq vapur aktarx sorġut f'zona magħrufa Ras Ħanżir. Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tagħdi l-ilment lil entitajiet konċernati.

**12.4.2** Il-Kunsillier Domenic Spencer spjega li kien ikuntatjat mill Kunsill ta' Bridgewater u Trevisio sabiex it-twinning agreement li għandhom il-Kunsill tal-Marsa titkompla il-kuntatt li kienu stabbilixxew. Il-Kunsill qabel

**12.4.3** Il-Kunsillier Domenic Spencer informa li saret stedina sabiex il-presepju Marsi jiġi esibit ġewwa l-Awstrija. Huwa tenna li peress li dan il- presepju ser jdum numru ta' ġimgħat il-presepist Alan Briffa offra li jagħmel prasepju ieħor sabiex jiġi esibit fil-Kunsill.

**12.4.4** Il-Viċi Sindku staqsa li waqt laqgħa oħra kien staqsa dwar is-sigħat li kienet qed taħdem id-DES fejn kellhom kienu maqbula ma Sindku. DES qalet li kienet diġa bagħtet kommunikazzjoni dwar dan u preżentat fl-laqgħa preċedenti. Il-viċi Sindku tenna li ma kienx hemm numru ta' sigħat. Kien hemm qbil li numru ta' sigħat ser jiġu kommunikat li Sindku u lil Kunsill

**12.4.5** Il-Viċi Sindku staqsa jekk kien inġaġġata persuna oħra fuq xogħol ta' manutenzjoni. Is-Sindku spjega li jagħmel parti mill-sistema ta' l-iskemi għalhekk il-kunsill ma kienx ser joħroġ spejjez. Il-

Viċi Sindku tenna li kunsill kellu jiġi nfurmat min qabel ma ġiet ingaġġata din il-persuna, żied jgħid li l-Kunsill iħallas il-bonus annwali li ħaddiema ta' l-iskema.
Is-Sindku skuża ruħu li ma tkellimx ma l-kunsill qabel.

12.4.6 Il-Viċi Sindku ġibet l-attenzjoni jekk hux qed jintlab il-permess dwar diversi parkings u sinjali f'toroq mingħand Transport Malta. Sindku ta' spjegazzjoni dwar dan

**12.5 Rapporti**

**12.5.1** Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji 2025
Is-Sindku resaq rapport ta' Estimi Finanzjarji 2025 li kienu ġew preżentati waqt il-laqgħa annwali li saret 10 ta' Diċembru 2024.

**12.5.1.1** Il-Kunsill approva Estimi Finanżjarji 2025

**Kunsill għalaq il-laqgħa għal pubbliku sabiex jiġu suġġetti li jmiss**

**12.5.2 Performance Bonus 2024 Ħaddiema Klerikali**
Is-Sindku ressaq id-dokumenti tal-performance appraisal tal-membri tal-istaff tal-Kunsill. Hu ta' spjega tad-dokumenti preżentati mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv u rakommanda li l-membri tal-istaff kollha jingħataw il-massimu tal-persentaġġ tal- performance bonus għax kollha qabżu l-aspettattivi mitlub minhom. Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

**12.5.2.2** Il-Kunsill approva

**12.5.3 Performance Bonus Deputy ES (May-Dec 2024)**
Is-Sindku ressaq id-dokumenti tal-performance appraisal ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Hu ta' spjega rikommandazzjoni u ppropona li Deputat Segretarju Eżekuttiv attwali tingħata l-massimu tal-persentaġġ tal-allowance għar-raġuni li qabżet l-aspettazzjonijiet tal-Kunsill. Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal- Viċi Sindku u Kunsilliera preżenti.
Il-Kunsill approvaw il-performance appraisal ta' DES.

**12.5.4 Performance Bonus ES (Jan-March 2024)**

**12.5.4.4** Il-Kunsill ikunsidera il-performance appraisal ta' Segretarju Eżekuttiv li serva bejn Jannar u l-ewwel ġimgħa ta' April 2024.
Ġie deċiż li minħabba li meta ġiet sostomessa ir-riżenja ma n'ħaddiemx notice period, il-Kunsill mhux ser jagħti percentage fuq Performance Appraisal. Il-Kunsill tenna li Deputat Segretarju Ezekuttiv titkteb lil-avukat sabiex jaġixi fuq il-parir li kien ta' l-avukat.

**12.5.5 Rapport ta' Evalwazzjoni Tender Bulky Refuse.**
Is-Sindku talab li Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex taqra rapport. Id-DES spjeġat li Bord ta' Evalwazzjoni iltaqa 3 tlett darbiet. Waqt l-ewwel laqgħa ġie nnuttat li kien hemm bżonn tinbagħat kjarifika lil wieħed mill operaturi ekonomiċi. Il-Bord reġa iltaqa sabiex jidiskutti it-tweġieba tal-kjarifika, fejn ġie konfermat li l-operatur ma kienx is-sodisfa il-kriterji mitluba mit-tender għalhekk ġie deċiż li tender jingħata it-tieni l-irħas operatur li kien jissodisfa kriterji kollha mitluba u aġġorna sabiex jinkiteb ir-rapport ta' evalwazzjoni. L-evalwaturi iltaqaw għat-tielet darba sabiex jikonfermaw rapport u rakommondazzjoni mogħtija lil Kunsill tal-Marsa.

**15.5.5.5** Il-Kunsill qabel ma rakommandazzjoni u approva rapport.

**12.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagament**
Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 01/25 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. Il-Viċi Sindku staqsa għalfejn is-salarji qed jiġu preżentati f'item wieħed fuq l-iskeda ta' pagamenti. DES spjegat li dawn jistaw issiru f'item wieħed, proċedura li jimxu b'hija diversi kunsilli oħra t'offri privatezza fejn wieħed issegwi regolamenti

ta' data personali filwaqt li dokumenti huma aċċessibli għal Kunsilliera sabiex ikun aċċertat il-governanza u trasparenza. Ma kienx hemm qbil dwar din il-proċedura għalhekk is-salarji u allowances tal-Kunsilliera ser ikunu itemized wieħed wieħed.

**12.6.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Joseph Cachia u sekondat Kunsillier Gloria Aquilina il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.

**12.7 Item: Sinjali ta' traffiku Telgħet Ġizwiti**

Il-Kunsilliet Gloria kienet tablet għal traffic management minħabba il-veloċita tal-karrozzi f'din it-triq. Hija qalet li soluzzjoni li kien iprovda il-kuntrattur kien xi ftit ikumplikata, għalhekk kull ma qed tissuġeriexi hu l-issir tabella sabiex il-karrozzi inaqqsu il-veloċita.
Il-Kunsill qabel ma din il-proposta

**12.8 Item: Attivitajiet**

**12.8.1 Jum il-Marsa 2025**

Il-Kunsillier Domenic Spencer prezenta il-program kif ġie mfassal għal nhar 2 ta' Frar. Huwa tenna li kien prepara, il-karti bl-ismijiet tal-persuni nominati sabiex il-Kunsilliera jagħtu il-vot tagħhom wara il-laqgħa u dawn jinzammu f'envelop issiġilat sa dak inhar ta' Jum il-Marsa sabiex jinfetaħ waqt ċerimonja.
Il-Kunsill qabel.

**12.8.2 Karnival Fil-Marsa 2025**

Il-Kunsillier Domenic Spencer prezenta il-program tal-Karnival li ser jitella f'27 ta' Frar 2025 18.00pm u 22.00pm. Huwa qal li kien ser jinbidel il-toroq ta' fejn ser tagħdi li sfilata minħabba problemi loġistiċi. Il-Kunsillier kompla billi spjega dwar l-ispiza li hemm marbuta mal-Karnival fejn qal li 5,000 mogħtija mill-skema mhux ser ikun bizzejjed għalhekk kien qed jitlob 15,000ewro oħra.
Il-Kunsill approva izda kemm jista jkun is-somma tibqa baxxa kemm jista jkun.

**12.8.3 Baġit attivitajiet tal-milied 2025**

Il-Kunsillier Domenic Spencer qal li kien qed jiprepara l-attivitajiet tal-Milied għalkemm għadu kiemini dan sabiex jitħadmu il-pasturi hemm bżonn baġit ta'6,000ewro.
Il-Kunsill qabel sakemm ma jinqabizx il-badġit tal-Kultura li hu ta' 30,000 ewro.

**12.8.4 Ikla għal Kunsilliera u il-Ħaddiema flimkiem mal-partners tagħhom**

Il-Kunsilliera Gloria Aquilina pproponiet l-issir ikla għal Kunsilliera, il-ħaddiema flimkien mal-partners tagħhom.
Il-Kunsill qabel li ssir nhar Ġimgħa 7 ta' Frar 2025 f'Browns Resturant Waterfront. Ġie deċiż illi min j'attendi iħallas huwa stess.

**12.9 Item: Talba għal no objection ta' spazju (l-arja) fuq il latrina li tinsab fuq il-pont ta' San Tumas**

**Is-Sindku informa li l-Għaqda Fest Esterni SSma Trinita kitbet lil kunsill fejn te**nniet li għamlet kuntatt mal-Awtorità tal-Lands u applikat biex takkwista l-arja tal-Public Convenience (il-letrina) li tinsab fuq il-pont ta' San Tumas. Ġejna infurmati mill-istess Awtorità li din l-arja taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali tal-Marsa. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li tinħareġ *no objection* min-naħa tal-Kunsill Lokali.Il-Public Convenience tinsab biswit il-post tal-Għaqda, eżattament man-naħa ta' wara. L-Għaqda qed tippjana li tutilizza din l-arja biex fil-futur isiru

diversi proġetti li minnhom jibbenefikaw kemm l-Għaqda, kemm il-Festa tal-lokal, kif ukoll il-poplu Marsi b'mod ġenerali. Għaldaqstant, qed jitolbu biex, jekk possibbli, tinħareġ *No Objection* min-naħa tal-Kunsill sabiex l-arja tal-Public Convenience tkun tista' tintuża mill-Għaqda

Fil-komunikat l-Għaqda konkludew billi rringrazzjaw lil Sindku u lill-Kunsilliera għall-għajnuna tagħhom f' din it-talba, speċjalment għall-appoġġ kontinwu li dejjem ta' il- Kunsill.

Il-Kunsill diskuta dan ir-rikjest u konkluda billi jintalab sabiex issir laqgħa ma l-istess Għaqda qabel ma jinħareġ no objection.

**12.10 Item: Ħlas ta' overtime għal ħaddiema li jaħdmu sibt**
Is-Sindku nforma li ħaddiema li kien jaħdmu sibt għamlu talba sabiex il-ħin li jaħdmu ma jibqax jingħata f'time in lieu imma jitħallsu b'rata ta' overtime.

**12.10.1** Il-Kunsill approva dan ir-rikjest

## 12.11 Mozzjonijiet

Is-Sindku resaq mozzjoni dwar ħlas ta' reklam mitlub mill-Għaqda Marsa Pegeant Group.
Il-Viċi Sindku u Kunsillier Joseph Scerri asstjnew minħabba li jħossu li kwistjoni ta' Jum il-Marsa setgħat ġiet evitata.
Ittieħed vot li rizulta kif ġej:
3 favur, 1 kontra u 2 asstjenew.
Il-mozzjoni għaddiet sabiex jitħallas ir-riklam ta' 300 ewro

## 12.12 Tmiem il-Laqgħa u aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fis-8.30pm u ġiet aġġornata għal Erbgħa 19 ta' Frar 2025 fl-5.00 pm fil- bini amministrattiv tal-Kunsill.

IFFIRMATA

Luke Farrugia
Sindku

IFFIRMATA

Mariella Strout
Deputat Segretarju Eżekuttiv



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*